**Laqgha Numru 01/K6/2013**

**Introduzzjoni**

L-Ewwel Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava ***(li wasal fis-6.00pm)*** u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara Dok A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, f'ismu u f'isem l-impjegati tal-Kunsill awgura kull success lill-membri kollha tal-Kunsill li ghandhom l-intenzjoni li jergghu jikkontestaw l-elezzjoni li jmiss ghall-Kunsill Lokali kif ukoll lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li ser tikkontesta ukoll ghall-Elezzjoni tal-Parlament Nazzjonali.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irringrazzja ukoll lis-Sindku Joe Zammit tas-16 il sena ta' hidma fil-Kunsill 14 minnhom bhala Sindku kif ukoll lill Kunsillier Lauro Fava tal-5 snin li serva bhala Kunsillier u dan wara li t-tnejn li huma ddikjaraw li mhux se jergghu jikkontestaw ghall-elezzjoni tal-Kunsill ta' Pembroke.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-2 ta' Jannar 2013. L-Agenda kienet:

01. **Approvazzjoni tal-Minuti 31/K6/2012.**
02. **Punti li johorgu mill-Minuti 31/K6/2012.**
03. **Approvazzjoni tal-Minuti 32/K6/2012.**
04. **Punti li johorgu mill-Minuti 32/K6/2012.**
05. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
06. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
07. **Mistoqsijiet.**
08. **Korrispondenza.**
09. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Proposti ghat-tenders li ser jinhargu.**
12. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**

13. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 31/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 31/K6/2012 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 31/K6/2012.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 32/K6/2012.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 32/K6/2012 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 31/K6/2012.

**46/3872/12/I** 17/05/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bis-sentenza ta' l-Appell 65/2006/15 – Mario Mallia vs Kunsill Lokali Pembroke.

4.01. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.01, ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.01, ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 2.09 u ghall-Minuti 25/K6/2012 item 14.02 u ghall-korrispondenza numru **46/3872/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill, wara li jircievi d-dokument ta' l-offerti emendat mill-Perit, u wara li jigi approvat mill-Kunsill, johrog sejha gdida ghall-embellishment taz-zewg gonna Madre Teresa ta' Kalkutta u l-4 ta' Lulju, inkluz li fejn ghad hemm apparat li skond il-Gvern huwa kkundannat, dan jigi nkluz fit-tender biex jitnehha mmedjatament kif ukoll li ghandhom jigu nfurmata r-residenti permezz ta' cirkulari ta' dan il-process kollu, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-tender ghad ma giex konkluz mill-Perit. Fid-dawl ta' dan il-kelliem staqsa lill-Kunsill jiddefinixxi kemm ser tkun il-mizata tat-tender.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-mizata tad-dokument ta' l-offerti ghandha tkun ta' €75.00 il-wiehed u ghandu jinhareg b'urgenza bil-minimu ta' terminu ta' zmien possibbli minhabba li hemm fondi allokati dwar l-accessibilita' li jridu jintefqu sa l-ahhar ta' Marzu 2013. |il-kelliem irrimarka li l-Perit ghandu jigi nfurmat biex ilesti ix-xoghol ma dawn it-tenders b'effett immedjat.

4.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4581/12/I** 13/06/2012 Kwotazzjoni minghand il-kuntrattur J&K Contractors Ltd. ghal tiswija ta' Graffiato mal-Bini tal-Kunsill ghall-prezz ta' €594.00.

4.05. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 27/K6/2012 item 2.03, ghall-Minuti 26/K6/2012 item 6.08 u ghall-korrispondenza numru **46/4581/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien irrimarka li dan il-prezz huwa wiehed esagerat ghall-persuna li hija pensjonanta u ghalhekk kien ippropona l'issir kwadrant tal-metal li jehel fl-art u jitla' mal-koxxa u b'hekk tkun ta' protezzjoni ghal quddiem, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill rcieva stima ghall-prezz ta' €100.00 (46/0043/13/I). Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

4.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet biex jigu nstallata zewg picnic table + bench f'San Patrizju quddiem Triq Patri Pelagju Mifsud.

4.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.11. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.11 u 2.12 u ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.09 dwar ittra numru 46/5706/12/I minghand Emcare 360 Ltd. fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li dawn il-laqghat ghandhom isiru fis-sala tal-Knisja wara l-Quddiesa tas-6.00pm u li jsiru f'Jannar 2013 inkluz li wara kull laqgha l-Kunsill jipprovdi te, kafe u pastizzi, is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk sa l-ahhar tal-laqgha l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma tipprovdix dettalji lill-Kunsill meta ser taghmel dawn il-laqghat, din l-inizjattiva ghandha tithalla ghall-Kunsill gdid. *(F'dan l-istadju l-Kunsill kien ghadu ma jafx li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li t-talba taghha ntbaghtet permezz t'email li waslet wara l-hin tax-xoghol)*

4.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5722/12/I** 01/08/2012 — Email minghand l-AKL fejn baghtu kopja ta' email rigward Disability Awareness fun day for Local Councils minghand Inspire fejn qed joffru gurnata ta' divertiment ghall-persuni b'dizabilita' gewwa l-bini taghhom.

4.14. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.15, ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.12, ghall-Minuti 28/K6/2012 item 6.20 u ghall-korrispondenza numru **46/5722/12/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta u jsir flyer li jitqassam fid-djar kollha tal-lokal, kif ukoll kien ippropona li din l-attivita' ssir fit-tieni gimgha ta' Jannar 2013, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill data ghal din l-attivita'.

4.15. Il-Kunsillier Joe Brincat informa lill-Kunsill li din ghandha ssir matul l-ewwel gimgha ta' Frar 2013.

4.16. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.19**,** ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.18, u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza zjara Edukattiva li tinkludi zjara Xorb l-Ghagin / Tas-Silg, inkluz li kienet indikat li dettalji jithabbru aktar il-quddiem, is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk sa l-ahhar tal-laqgha il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma tipprovdix dettalji lill-Kunsill meta ser taghmel dawn il-laqghat, din l-inizjattiva ghandha tithalla ghall-Kunsill gdid. *(F'dan l-istadju l-Kunsill kien ghadu ma jafx li l-*

*Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li t-talba taghha ntbaghtet permezz t'email li waslet wara l-hin tax-xoghol)*

4.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.19. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 2.20, ghall-Minuti 30/K6/2012 item 2.19 u ghall-Minuti 28/K6/2012 item 11.07 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja l-Kunsill ghandu jorganizza esebizzjoni ta' crafts ta' l-injam, is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk sa l-ahhar tal-laqgha il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma tipprovdix dettalji lill-Kunsill meta ser taghmel dawn il-laqghat, din l-inizjattiva ghandha tithalla ghall-Kunsill gdid. *(F'dan l-istadju l-Kunsill kien ghadu ma jafx li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li t-talba taghha ntbaghtet permezz t'email li waslet wara l-hin tax-xoghol)*

4.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.22. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 3.02 u ghall-Memo 92b/2012 li kienet iffirmata bhala approvazzjoni mill-membri kollha tal-Kunsill inkluz li s-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jirratifika l-istruzzjonijiet l'inghataw lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jigi ordnat ix-xoghol relatat mal-Progett Medstrategy permezz ta' Direct Orders, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dwar il-progett ta' l-OSDDT, il-konsulenti Zum Coop Ltd. irrakkomandaw li l-Kunsill johrog tender biex ikun jista' jkopri x-xoghol konness ma' l-organizazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-ahhar parti tal-progett.

4.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan ghandu jinhareg immedjatament wara li l-Kunsill ikollu d-dokument ta' l-offerti u jinhareg bit-termini t'urgenza minhabba li dawn l-inizjattivi jridu jigu konkluza sa l-ahhar ta' Frar 2013. Il-kelliem ippropona wkoll li d-dokument ta' l-offerti ghandu jkun minghajr hlas.

4.24. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.26. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 4.06 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex jigi ordnat frame ghal certifikati u dokumenti l'ircieva l-Kunsill matul is-sena li ghaddiet, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien gabar stima minghand Deco Manufacturing Ltd. u l-istima hija ta' €233.07. Il-kelliem esebixxa sample tal-materjal. (46/0186/13/I)

4.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn ghandhom jigu ordnata u jitwahhlu fil-lobby ta' bejn l-ufficini u s-sala tal-Kunsill.

4.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.29. Il-Kunsill qabel unanimament

4.30. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 12.04, 12.07, 12.28 u 13.31 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li fi Frar ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ghal Provision of Legal Consultant Services, Provision of Qualified Accountant Services, Collection of Bulky Refuse u Watering of Trees biex ikunu lesti sakemm jiehu decizjoni Kunsill gdid, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill draft tat-tenders u staqsa kemm ser ikunu l-mizati. (Ara Dok. B, C, D u E)

4.31. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-mizati ghal kull dokument ta' l-offerti ghandhom ikunu: Provision of Legal Consultant Services €50.00, Provision of Qualified Accountant Services €50.00, Collection of Bulky Refuse €75.00 u Watering of Trees €50.00. Il-kelliem ippropona wkoll li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun il-Gimgha 5 ta' April fil-11.00am.

4.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.34. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 14.01 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona biex il-Kunsill jigbor stimi ghal xoghol ta' tiswija u/jew irrangar tal-bieba tal-giebja f'San Patrizju, is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lill-Kunsill stima ghall-prezz ta' €600.00 u €650.00 (46/0043/13/I). Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima u jintuza materjal tal-5mm ghall-prezz ta' €650.00.

4.35. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

4.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.37. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 14.39 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jorganizza Tnedija ta' Ktieb t'Awtur lokali, attivita' ta' Open day bl-ghajnuna ta' AAA kif ukoll talbet li l-Kunsill jikseb informazzjoni dwar jekk hemmx xi ligijiet li jimpedixxu li l-klieb jistghu jaghmlu l-bzonnijiet taghhom fuq il-hamrija pubblika, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li t-tnedija saret u kienu prezenti numru ta' residenti kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, is-Segretarju Ezekuttiv u l-librara. Rigward l-attivita' ta' l-open day li ser issir fil-futur qarib, is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk sa l-ahhar tal-laqgha il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ma tipprovdix dettalji lill-Kunsill meta ser taghmel dawn il-laqghat, din l-inizjattiva ghandha tithalla ghall-Kunsill gdid. *(F'dan l-istadju l-Kunsill kien ghadu ma jafx li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba li t-talba taghha ntbaghtet permezz t'email li waslet wara l-hin tax-xoghol)*

4.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.40. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 6.10 u ghall-korrispondenza numri **46/7267/12/I, 46/7353/12/I, 46/7367/12/I u 46/7443/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita' nhar l-10 ta' Jannar 2013 fil-Buskett Road House is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba li ma kienx hemm konkorrenza tajba ghal din l-attivita', din kellha tigi kancellata.

**46/7956/12/I**
08/11/2012

Email minghand Transport Malta fejn talbu sabiex il-Kunsill jinghata ritratti tas-sit u l-wiesa' ta' triq ghat-talbiet li ghamel il-Kunsill fuq Triq San Gorg Preca u Wesghet ix-Xelter.

4.13. B'riferenza ghall-Minuti 32/K6/2012 item 6.84 u ghall-korrispondenza numru **46/7956/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kellu jiltaqa' mal-Kunsillier Joe Brincat biex jittiehdu l-qisien necessarja, is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghad m'instabx hin biex isir dan flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat, ghalkemm irrimarka li dan ser isir fil-jiem li gejjien.

## 05. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 01/2013** b’rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 32/K6/2012 u 01/K6/2013 **(Dok F)** u **Internal Memo 02/2012** b’rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 32/K6/2012 u 01/K6/2013 **(Dok G).**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 5. Il-kelliem informa lill-Kunsill li nhar is-Sibt 5 ta’ Jannar bejn id-9:00 u 12:00 akkumpanja lill-Perit u lid-draughtsman tieghu fejn saret spezzjoni u ttiehdu l-qisien ta’ dawk il-bcejjec t’art li kienu qed jindukraw ir-residenti wara talba li kienu ghamlu lill-Kunsill.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

7.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta’ l-agenda biex item 12 tigi diskussa qabel item 8.

7.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. H, I J, K, L, M u N)**

***12.02. Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fis-6.00pm.***

12.03. Wara li l-Kunsillieri raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet b’dak it-tnaqqis irrakkomandat mill-Works Manager.

12.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-11 ta’ Dicembru 2012 u d-9 ta’ Jannar 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/8531/12/I**
**07/12/2012**
Email minghand Genista Research Foundation Malta (Mark Causon) fejn informaw lill-Kunsill li qed jahdmu fuq progett ta' ESF f'isem l-Kunsill tax-Xaghra u staqsew lill-Kunsill jekk hux interessat li jiehu sehem. Il-progett ser jiffinanzja tahrig lil dawk li ma jahdmux, persuni l'fuq minn 50 sena, nisa u zghazagh.

**46/8722/12/I** **18/12/2012** Email minghand Mark Causon fejn ikkonferma li l-kofinanzjament tal-Kunsill ghall-progett propost minnhom u ta' €1,000 u l-hsieb huwa li japplikaw f'Jannar 2013.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8531/12/I u 46/8722/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba li s-sur Causon ser ikun kandidat ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali, ikun ghaqli li decizjoni dwar din il-proposta ghandha tittiehed f'Kunsill gdid minhabba li jista' jkun hemm konflit t'interess.

8.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8577/12/I** **11/12/2012** Ittra minghand Transport Malta fejn baghtu applikazzjoni minghand Ms. Christine Mercieca li toqghod Triq Patri Indri Vella li applikat ghal 1.5m keep clear bay.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8577/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

8.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8589/12/I** **12/12/2012** Ittra minghand Enemalta fejn b'riferenza ghall-applikazzjoni ta' Bozza Trejqet Antoine de Favray infurmaw lil-Kunsill li t-talba giet meqjusa gustifikata u talbu lill-Kunsill jimla u jibghat il-formoli annessa.

8.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8589/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill johrog works order ghal dan ix-xoghol skond il-permess. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga talab stima lill-Med Developers, Designers & Consultants u ghalhekk il-works order ghandha tinhareg kif tasal l-istima ghand il-Kunsill.

8.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8669/12/I** **14/12/2012** Email minghand Ms. Sue Vella fejn talbet sabiex Triq Dun Amabile Sisner issir one way minhabba li t-triq ma tippermettix li jghaddu 2 karozzi specjalment fil-hin ta' l-iskola.

**46/8678/12/I** **17/12/2012** Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-email tas-sinjura Sue Vella sabiex Triq Dun Amabile Sisner issir One Way talab biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8669/12/I u 46/867812/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-materja ghandha tittiehed fil-kuntest mar-residenti tat-triq kollha jew fi skema ghaz-zona. Il-kelliem ippropona wkoll li din ghandha tigi diskussa fil-Kunsill il-gdid.

8.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8686/12/I** **17/12/2012** Email minghand Ms. Francesca Saliba li hija studenta fl-Universita' u taghmel parti minn NGO bl-isem Greenhouse Malta fejn staqsiet jekk il-Kunsill jissaportjax jew jaqbilx li jkun hawn cirklu bl-annimali fil-lokal.

**46/8758/12/I** **19/12/2012** Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghas-survey li qed

taghmel Ms. Francesca Saliba nforma l-Kunsill li huwa **personalment** joggezzjona li fil-lokal jittella cirklu ta' l-annimali. L-istess oggezzjoni giet ukoll minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li ukoll baghtet email f'dan is-sens.

8.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8686/12/I u 46/8758/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill m'ghandux jidhol f'dan id-dibattitu la darba m'hemmx applikazzjonijiet pendenti quddiem il-Kunsill.

8.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8712/12/O**
**17/12/2012**
Email li l-Kunsill baghat lill-MUSEUM fejn b'riferenza ghall-komunikat li ga kien hemm mieghu, il-Kunsill infurmah li l-isem ta' Triq baqa' ma twahhalx u spicca mimli konkos u talab sabiex jikkomunika mal-kuntrattur sabiex jara li jnaddaf l-isem u jitwahhal ezattament biswit l-entratura.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8712/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinkiteb ittra bl-avukat fuq din il-materja.

8.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8721/12/I**
**18/12/2012**
Email minghand l-OSDDT fejn informaw lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ta' l-OSDDT ser issir bejn is-26 u 28 ta' Frar u talbu konferma sal-20 ta' Dicembru 2012 kif ukoll qed jissugerixxu li l-ahhar laqgha ssir bejn it-30 u 31 ta' Mejju 2013.

**46/8816/12/I**
**21/12/2012**
Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn b'riferenza ghall-laqgha ta' l-OSDDT infurmat lill-Kunsill li ma jaghmilx differenza liema Kunsillier imur pero minhabba li d-dati huma wisq vicin ta' elezzjoni tal-Kunsill u Nazzjonali ma tahsibx li ghandu jmur is-Segretarju Ezekuttiv.

**46/8823/12/I**
**21/12/2012**
Email minghand l-OSDDT fejn staqsew meta jkunu l-ahjar dati ghall-laqgha gewwa Terni jekk hux bejn il-4 u 6 jew 5 u 7 ta' Marzu.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8721/12/I, 46/8816/12/I u 46/8823/12/I** is-Sindku Joe Zammit irrimarka li dan huwa progett approvat mill-Kunsill kif ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv huwa mitlub li jara li l-Kunsill ikun miftuh meta jsir it-tqassim tal-voti mill-Kunsill u mhux obbligat joqghod hawn matul il-jiem ta' wara ghal xi bzonn elettorali. Ghaldaqstant il-kelliem halla f'idejn il-Kunsillier responsabbli mill-programm (Il-Kunsillier Joe Brincat) biex jara l-htiega jekk is-Segretarju Ezekuttiv ghandux jattendi jew le mieghu ghal din il-konferenza.

8.21. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li ghal din il-konferenza kif ukoll konferenzi ohra li ser ikun hemm fuq il-progett barra minn Malta, il-Kunsill ghandu jkun prezenti u rraprezentat minnu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

8.22. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8728/12/I**
**18/12/2012**
Email minghand Ms. Romina Perici Ferrante fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar l-estenzjoni tas-servizzi t'accountancy talbet zieda fil-hlas taghha ghall-prezz ta' €220 fix-xahar flok dak ta' €170.

**46/8734/12/O**
Email li l-Kunsill baghat lill-Membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-email

**18/12/2012** ta' l-Accountant staqsa jekk il-membri mhumiex ser jaccettaw t-talba taghha kif emendata b'zieda ta' €50 fix-xahar jew inkella jiggedded sa l-ahhar ta' Settembru bl-istess prezz.

**46/8757/12/I**
**19/12/2012** Email minghand is-Sindku fejn informa lill-Kunsill li huwa jaqbel li nuzaw is-servizz ta' l-accountant u l-kwotazzjoni li baghtet.

**46/8854/12/O**
**26/12/2012** Email li l-Kunsill baghat lil Romina Perici Ferrante fejn b'riferenza ghas-servizz t'accountant il-Kunsill nfurmha li l-offerta taghha giet accettata.

8.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8728/12/I, 46/8734/12/O, 46/8757/12/I u 46/8854/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li kif diga baghat kemm huwa kif ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, din it-talba ghandha tigi approvata.

8.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8729/12/I**
**18/12/2012** Email minghand Ms. Natalie Camilleri fejn b'riferenza ghal-lezzjonijiet taz-zumba talbet sabiex tigi l-Kunsill tara s-sala u jiddiskutu fuq il-post.

8.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8729/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera u rrimarka li l-Kunsill qed jistenna rispons minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

**46/8800/12/I**
**20/12/2012** Email minghand il-Malta Institute of Management fejn talbu biex issir laqgha mal-Kunsill sabiex jaraw il-possibilita' li fis-sena 2013 isiru xi laqghat ghall-pubbliku rigward e-learning.

8.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8800/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-laqgha ghandha ssir wara li jinhatar Kunsill gdid.

8.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8802/12/I**
**20/12/2012** Email minghand l-Absolute Cleaners fejn informa lill-Kunsill li kien se jikkancella l-laqgha li kellha ssir illum minhabba ragunijiet personali u informa lill-Kunsill li mhux possibbli li jzied iktar haddiema u talab lill-Kunsill biex jikkonsidra jilqa' t-talba tieghu sabiex mit-3 servizzi ndikati fil-kuntratt izommu il-knies biss. **(Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jibghat din l-ittra lill-Avukat ghall-parir jekk il-Kunsill jistax jilqa' it-talba tal-kuntrattur jew le)**

**46/0068/13/I**
**04/01/2013** Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-email tal-Kunsill rigward jekk il-kuntrattur Absolute Cleaners jistax jirrilaxxa zewg partijiet mit-tlieta li fih it-tender informa lill-Kunsill li dan ma jistax isir.

8.31. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8802/12/I u 46/0068/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq parir ta' l-Avukat, il-Kuntrattur kien diga nfurmat permezz t'ittra fejn gie mheggeg biex jaghti it-3 servizzi kif mitlub fil-kuntratt, altrimenti jibqa' jsir it-tnaqqis mill-hlas kif ukoll gie nfurmat li l-Kunsill lest jiehu passi ohra jekk ma jkunx hemm sforz.

**46/8804/12/I**
**20/12/2012** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward il-laqgha tal-lokalita' talab sabiex issir fil-bidu ta' Jannar u li l-budget jigi bbazat fuq l-ammont tas-sena 2012, u jekk ikun hemm xi tibdil il-budget jigi emendat.

8.32. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8804/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-laqgha ghandha ssir nhar l-Erbgha 23 jew 30 ta’ Jannar 2013 fis-6.30pm fis-sala tal-Knisja skond meta s-sala tal-Knisja tkun disponibbli.

8.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8821/12/I** **21/12/2012** Email minghand Transport Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill rigward it-thawwil ta' sigar fir-roundabout staqsa fejn iridu li jinzerghu.

**46/8866/12/I** **26/12/2012** Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghat-thawwil ta' sigar li ser jaghtu TM issugerixxa li jithawwlu fil-gnien ta' San Patrizju jew fiz-zona ta' quddiem il-girna hdejn ir-roundabout ta' San Gorg.

**46/8895/12/I** **28/12/2012** Email minghand is-Sindku fejn b'riferenza ghall-thawwil ta' sigar offruti minn TM informa lill-Kunsill li huwa ta' l-opinjoni li s-sigar jithawwlu jew quddiem il-Basketball Hall jew fil-fetha li hemm hdejn il-pitch tal-football ta' Pembroke Athleta.

**46/8908/12/I** **31/12/2012** Email minghand Transport Malta fejn staqsa jekk hemmx xi decizjoni fuq it-thawwil ta' sigar.

8.35. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8821/12/I, 46/8866/12I, 46/8895/12/I u 46/8908/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li TM jintalab jinforma lill-Kunsill x’sigar huma u l-kobor taghhom u wara ssir konsultazzjoni bejn il-membri tal-Kunsill fejn ser jithawwlu.

8.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0169/13/I** **09/01/2013** Email minghand il-Commonwealth War Graves Commission dwar thawwil ta’ 10 sigriet fil-lokal.

8.38. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill ukoll li regghet dahlet l-offerta tac-cimiterju.

8.39. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li dawn ghandhom jithawwlu kif kien iddecieda l-Kunsill jigifieri 3 znuber li ghandhom jinzergħu hdejn Blokk 5, Trejqet Don Giovanni Miriti u l-kumplament ghandhom ikunu sigar taz-zebbuġ u jinzerghu fil-gnien li hemm f’San Patrizju.

**46/8826/12/I** **21/12/2012** Cirkulari 88/2012 minghand l-AKL rigward Group Health Insurance Policy 2013 u li din ghandha tintbaghat sal-31 ta' Jannar 2013.

**46/0033/13/I** **02/01/2013** Email minghand l-AKL fejn talbu sabiex isir il-hlas ta' €63 ghat-tigdid tal-polza ta’ assigurazzjoni tal-flus li tkopri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru 2013.

8.40. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/8826/12/I u 46/0033/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill igedded dawn il-poloz u ghalhekk ghandu jsir il-hlas relatat.

8.41. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8864/12/I** **26/12/2012** Email minghand il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn b’riferenza ghall-email tal-Kunsill rigward hmieg u mohqrija fuq l-annimali

nformaw lill-Kunsill li d-Direttorat taghhom jista' jaghmel nfurzar biss fuq dawk r-regolamenti li jaqghu taht l-att tat-trattament xieraq tal-annimali u ssugerixxa biex il-Kunsill iqabbad lill-gwardjani lokali dwar l-aspett li jikkoncerna l-hmieg.

8.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8864/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8893/12/O**
**27/12/2012**
Email li l-Kunsill baghat lill-Abbey Printers fejn talab kwotazzjoni ghall-business cards ghall-kunsilliera bi printjar fuq 2 nahat.

8.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8893/12/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bl-ikbar rispett lejn il-Kunsilliera li ser jikkontestaw l-elezzjoni li jmiss, huwa ma jarax ghaliex ghandu jsir dan l-infieq ghall-business cards, issa, propju xahrejn qabel l-elezzjoni, u ghalhekk il-Kunsill m'ghandux jaghmel ordnijiet simili qabel jinhatar Kunsill gdid f'April li gej.

8.45. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri tal-Kunsill prezenti, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8898/12/I**
**28/12/2012**
Memo 60/2012 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali lill-Kunsill kollha ta' Malta u Ghawdex rigward abbuzi fil-lokalitajiet fuq installazzjoni ta' dwal tat-toroq minghajr l-approvazzjoni ta' l-Enemalta.

8.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8898/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/8909/12/I**
**31/12/2012**
Email minghand il-Fortuna Ent. fejn informa lil-Kunsill li c-cekk 10311 ma wasalx ghandhom u talbu sabiex jerga' jsir il-hlas.

8.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8909/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitwaqqaf il-pagament u jinhareg pagament gdid.

8.49. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

8.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8910/12/O**
**31/12/2012**
Email li l-Kunsill baghat lil Charlie Mifsud fejn talbu jipprovdi kwotazzjoni biex issir zamma u manutenzjoni tas-sit fejn inzerghu s-sigar il-barra mill-progett tal-bandli li ghamlu l-MTA u li se jithallas mill-MTA.

**46/0108/13/I**
**08/01/2013**
Stima minghand il-kuntrattur Charlie Mifsud ghall-prezz ta' €125.00 fix-xahar ghal zamma u manutenzjoni tas-sit fejn sar il-progett tal-Kunsill taz-zghazagh.

8.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/8910/13/O u 46/0108/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-istima u ghalhekk tizdied mal-kuntratt ezistenti kif ukoll li jekk huwa possibbli dan ix-xoghol isir ghas-spejjez ta' l-MTA minhabba li parti sostanzjali mis-sit sar mill-MTA fis-Sajf li ghadda.

8.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0001/13/I**
**02/01/2013**
Email minghand is-sur Charles Bonello fejn informa lill-Kunsill li kien ghaddej minn Triq il-Meditteran hdejn ir-roundabout u baqa' diehel f'hofra bil-konsegwenza li nfaqa tyre u qed jitlob il-kumpens ta' €50.

**46/0086/13/I** **05/01/2013** Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab nirrispondu lis-sur Charles Bonello rigward l-email li baghat lill-Kunsill dwar it-tyre li faqa' go hofra fi Triq il-Mediterran. **(It-talba tas-sinjur ntbghatet ghand l-avukat tal-Kunsill biex jaghti l-parir tieghu).**

8.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0001/13/I u 46/0086/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0010/13/I** **02/01/2013** Email minghand is-sur Neville Schembri fejn staqsa jekk hemmx xi zvilupp meta ser isir il-kors tal-Healthy Ageing.

8.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0010/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0027/13/I** **02/01/2013** Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat sketch ghall-bieb ta' telephone booth f'San Patrizju.

**46/0028/13/I** **02/01/2013** Email minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat kopja tal-korrispondenza li rcieva mill-MEPA dwar it-telephone booth f'San Patrizju fejn ikkonfermaw li din tista' titnehha basta jinkisbu l-permessi necessarja.

8.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0027/13/I u 46/0028/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-MEPA biex din l-istruttura titnehha.

8.57. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0043/13/I** **03/01/2013** Kwotazzjoni minghand is-sur Adrian Licari ghall-bieba tal-hadid tal-bir li hemm f'San Patrizju ghall-prezz ta' €600 bi twahhil kif ukoll galvanized angle iron fil-kantuniera tal-bini tal-Kunsill ghall-prezz ta' €100 bi twahhil.

8.59. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0043/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din diga kienet giet approvata aktar kmieni fil-laqgha.

**46/0060/13/I** **03/01/2013** Email minghand Dr. Juliana Scerri Ferrante fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar rampi tal-hadid informat lill-Kunsill li hija m'ghandix rampa izda ghanda l-bankina mal-garaxx taghha perikoluza hafna u talbet biex tkun irrangata.

8.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0060/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din intbaghet ghall-parir tal-Perit fuq il-punt fejn issemmiet il-bankina

**46/0094/13/I** **07/01/2013** Talba minn studenta franciza biex bejn is-27 ta' Mejju u l-21 ta' Gunju taghmel esperjenza ta' xoghol mal-Kunsill.

8.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0094/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba sakemm din l-istudenta lesta li taghmel xoghol ta' back office.

8.62. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.63. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0101/13/I** **07/01/2013** Proposta minn Roccalumera biex issir applikazzjoni ghall-fondi ta' l-EU ghall-skambju bejn iz-zewg lokalitajiet.

8.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0101/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-offerta u ghalhekk jippartecipa f'din l-inizjattiva biex grupp minn Pembroke izur Roccalumera.

8.65. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.66. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0103/13/I** **07/01/2013** Risposta minghand id-DGL jinformaw lill-Kunsill l'accettaw li jestendu l-perjodu sa l-ahhar ta' Marzu 2013 dwar l-iskema ta' accessibilita' ahjar. (Installazzjoni ta' bandli ghall-persuni bi bzonnijiet specjali)

8.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0103/13/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett kien diga gie diskuss aktar kmieni fil-laqgha.

**46/0105/13/I** **07/01/2013** Stima minghand ID Malta ghall-provvista ta' parti mill-uniformi ta' l-iskrivana.

8.68. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0105/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi accettata din l-istima u jinxtraw il-qliezet li hemm bzonn kif ukoll gerzijiet minn hanut iehor. Il-kelliem ippropona ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ukoll jinghata l-permess jixtri l-uniformi bhal ma sar fil-passat minghand suplier differenti.

8.69. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0116/13/I** **08/01/2013** Stima minghand Mica Med Ltd. ghall-provvista u nstallazzjoni ta' 5 lampi fi Triq Adeodata Pisani ghall-prezz ta' €5,524.58.

8.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0116/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din l-istima ghandha tigi accettata u ghalhekk tigi emendata d-decizjoni mehuda fil-laqghat precedenti. Il-kelliem ippropona li r-residenti koncernata ghandhom jigu nfurmata l'issa minflok 3 lampi ser isiru 5.

8.72. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0133/13/I** **08/01/2013** Ittra minghand Luxol Sports Club jitlob il-permess tal-Kunsill biex il-culvert li hemm fi Triq Dun Guzepp Farrugia quddiem l-Ex Raffles.jitnehha ghax qed izomm hafna hmieg u ilma .

8.74. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0133/13/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex tinstab soluzzjoni dejjiema ghall-problema li hemm ladarba dan ix-xoghol ser isir minn Luxol FC ghas-spejjez taghhom skond kif indikat fl-ittra taghom.

8.75. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Konguntі ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda zieda t'attivitajiet ghajr dawk diga decizi.

## 11. Proposti ghat-tenders li ser jinhargu.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett diga kien gie ezawrit aktar kmieni fil-laqgha.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit jipproponi li jergghu jinzebghu r-Road markings madwar Blokk 10 fi Triq ir-Regimenti Maltin. Il-kelliem ippropona li r-residenti koncernati ghandhom jigu nfurmata ukoll dwar ix-xoghol li ser isir mill-Kunsill biex jizdied il-parkegg fis-sit ta' quddiemhom billi ssir pjattaforma tal-konkos wara li ma sarx dak imwieghed minn TM flok l-istage li kellu jsir li kien ser itellef 4 postijiet ta' parking ghar-residenti.. Il-kelliem ippropona wkoll li jinżebgħu l-marki tat-traffiku MC fi Triq Ferdinand Gregh.

13.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitqabbad J&K Contractors Ltd. biex jithammel il-culvert zghir li hemm taht il-planka tal-bankina ta' Triq il-Mediterran quddiem is-sur Restall.

13.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li, wara kumunikat li kellu minn residenta li toqghod propju fil-kantuniera, ghandhom jitnehhew l-out crops tal-kantuniera tat-triq Ferdinand Gregh ghax qed iservu ta' latrina ghall-klieb u qtates.

13.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.10. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Vacation leave pendenti ta' l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandu jittiehed sa l-ahhar ta' Frar 2013. Il-kelliem qal li dwar is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg diga kien hemm decizjoni li l-ammont pendenti jigi mgedded ghas-sena 2013 u jkun uzat tul is-sena. Il-kelliem irriafferma l-proposta wkoll li kif kien gie maqbul, il-hinijiet tax-xoghol ta' l-ufficju ghas-snin li gejja ghandhom jibqghu kif kienu fis-sena 2012.

13.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.13. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-kuntratt tal-GreenPak li jiskadi fil-31/03/2013 ikun estiz sakemm Kunsill gdid jiddeciedi mod iehor.

13.14. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir manutenzjoni fuq hajt li hemm fi Triq Sir Luigi Preziosi u fuq il-hajt li hemm fl-istess Triq kantuniera ma' Triq Falaise. Il-kelliem ippropona wkoll li jigi rrangat il-hajt tat-tarag li hemm bejn Triq Manuel Buhagiar u Triq Burma u jinqalghu l-arbli li m'ghadhom jintuzaw li hemm fil-gemb tal-Kunsill.

13.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.19. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jitlob lil TM biex il-vetturi ta' l-Arriva li johorgu minn Triq il-Mediterran lejn Triq il-Profs Walter Ganado, minflok imorru dlonk fid-direzzjoni ta' l-entratura ta' Pembroke, iddur quddiem il-lukandi u wara johorgu l-barra u dan biex jigi evitat il-periklu kollu li qed ikun hemm. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill jitlob lil TM biex jinstallaw railing fis-sit fejn hemm il-Bus Stop minhabba periklu li hemm u dan wara li fis-Sajf li ghadda kien hemm persuna li waqghet gholi ta' 3 sulari u spiccat mietet.

13.20. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li tul il-Kampanja Elettorali Nazzjonali jaf ikun hemm possibilita' t'attivitajiet tal-massa fil-lokal u ghalhekk talab gwida minghand il-Kunsill dwar policy ghall-permessi ta' gabbani.

13.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jimxi fuq il-pariri ta' min ikun ser jorganizza l-attivita' kif ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jara li l-permessi ghandhom jinhargu skond kif kien sar fil-passat.

13.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.26. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iwahhal tabelli fi Triq il-President Anton Buttigieg li jindikaw li l-vetturi jipparkjaw bil-pipe ta' l-exhaust il-barra.

13.27. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara spezzjoni li saret mal-kuntrattur Ell's Urban services u l-Perit tal-Kunsill, il-Patching li ser jigi ordnat ser isir fi Triq Suffolk, Triq Adrian Dingli, Triq Martin Luther King, Triq San Patrizju, Triq Falaise, Triq ANZAC, Triq Tobruk, Triq Juno, Triq Adelaide Cini, Triq Dun Amabile Sisner, Triq il-Fortizza, Triq il-Mediterran, Triq li taghti ghall-RO, Triq li taghti ghall-Pembroke Athleta, Triq Pietru D'Armenia, Triq Burma, Triq Salvatore Castaldi, Triq Burma, Triq il-Kurunell L. Manche' u Triq Gabriele Henin.

13.30. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-7.10pm, wara li ntlahaq ftehim li l-laqghat li jmiss ser isiru nhar **l-Erbgha 13 ta' Frar fil-5:30pm,** l-**Erbgha 20 ta' Marzu fil-5:30pm** bl-ahhar wahda tkun dik ta' **l-Erbgha 27 ta' Marzu 2013 fil-5:30pm**.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |